



Stampa u Informazzjoni

Stqarrija għall-istampa wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża tal-5 ta' Mejju 2020

Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rċieva numru ta' mistoqsijiet dwar is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża tal-5 ta' Mejju 2020 dwar il-programm PSCP tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Id-dipartimenti tal-istituzzjoni qatt ma jgħaddu kummenti fuq sentenza ta' qorti nazzjonali.

B'mod ġenerali, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sentenza dwar kwistjoni preliminari mogħtija minn din il-Qorti torbot lill-qorti nazzjonali meta din tiġi biex taqta' tilwima fil-kawża prinċipali.¹ Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita għal dan l-iskop mill-Istati Membri, li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata jekk att ta' istituzzjoni tal-Unjon jkunx qed imur kontra d-dritt tal-Unjoni. Diverġenzi bejn il-qrati tal-Istati Membri dwar il-validità ta' tali atti jistgħu fil-fatt jikkompromettu l-unità tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u jippreġudikaw iċ-ċertezza legali.² L-istess bħall-awtoritajiet l-oħra tal-Istati Membri, il-qrati nazzjonali huma marbuta li jggarantixxu l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni.³ Huwa biss b'dan il-mod li l-ugwaljanza tal-Istati Membri fl-Unjoni maħluqa minnhom tista' tiġi żgurata.

L-istituzzjoni ser tastjeni milli toħroġ komunikazzjonijiet oħra fuq dan is-suġġett.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Diċembru 2000, Fazenda Pública ([C-446/98](#), punt 49).

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost ([C-314/85](#), punti 15 u 17).

³ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler et ([C-212/04](#), punt 122).